MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1891/2000/2

**Medairco Limited.**

**vs.**

**A.C.K. Ltd. u Anthony Sammut.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Settembru 2000 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta flimkien mal-konvenut *in solidum* bejniethom, huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf hames mija u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,570.20) - [€3,657.58] rapprezentanti

kambjali dovuti lilha fit-30 ta’ Settembru 1995, fil-31 ta’ Ottubru 1995 u fit-30 ta’ Novembru 1995 kif jidher mid-Dokumenti “A”, “B” u “C”.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu, xorta wahda baqghu inadempjenti;

Illi ‘l fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut *ai termini* ta’ l-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, u li fil-fehma tas-socjeta` attrici u tar-rapprezentant taghha, il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta’ l-**artikolu 167 ta’ Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tikkundannhom *in solidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf hames mija u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,570.20) - [€3,657.58] rapprezentanti l-kambjali fuq imsemmija.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorja kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri ghas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti *a tenur* ta’ l-**artikolu 187 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12)** datata 18 ta’ Ottubru 2000 a fol. 16 tal-process.

Rat in-nota l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 12 ta' Dicembru 2000 a fol. 22 tal-process fejn gie eccipit: -

1. Illi preliminarjament in-nullita` ta' dawn il-proceduri peress li mill-kambjali esebiti jidher li dawn gew iggirati mill- HSBC Bank Malta plc (gia` Mid Med Bank plc) sabiex is-socjeta` attrici titlob il-hlas ghan-nom tal-bank.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas hija ntempestiva *stante* li l-kambjali meritu tal-kawza nhargu b'riferenza ghall-appalt li nghata mis-socjeta` attrici ghall-konsenja u tqeghid ta' sistema ta' *airconditioning*. Dwar dan hemm proceduri gudizzjarji pendenti fl-ismijiet **Medairco Ltd vs ACK Ltd et** (Citazzjoni Nru: 3467/98GCD) fejn l-eccipjenti pprezentaw kontro-talba li fiha ntalab il-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` attrici fil-qadi ta' l-obbligi kontrattwali taghha. *In vista* ta' dawn il-fatti, din il-Qorti ghandha tordna s-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri sakemm jinqatghu defenittivament il-proceduri fuq imsemmija.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hu dovut ebda ammont *stante* pagament. Fil-fatt il-kawza fl-ismijiet **Medairco Ltd vs ACK Ltd et** (Citazzjoni Nru: 3467/98GCD) giet intavolata fil-11 ta' Dicembru 1996, u f' liema procedura ntalab il-hlas ta' kambjali li mmaturaw fil-31 ta' Dicembru 1995 'il quddiem. Li kieku l-ammont pretiz f'dawn il-proceduri kien dovut, is-socjeta` attrici kienet ukoll f'dik il-kawza titlob il-hlas tal-kambjali meritu tal-proceduri odjerni, jigifieri dawk li mmaturaw fit-30 ta' Settembru 1995, 31 ta' Ottubru 1995 u 30 ta' Novembru 1995.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f' kull kaz, il-Qorti ghandha tikkundanna lis-socjeta` attrici sabiex tipprovdi garanzija ghad-danni sofferti mill-eccipjenti u dan b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 198 (2) tal-Kap 13.**

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f' kull kaz, kwalsiasi imghax huwa dovut mill-gurnata tal-protest.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Joseph Magri tad-9 ta’ Ottubru 2000; tat-18 ta’ Ottubru 2000; in-nota tas-6 ta’ Novembru 2000; u l-verbali tal-1 ta’ Dicembru 2000; u tat-23 ta’ Frar 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-konvenut Anthony Sammut u d-difensuri tal-partijiet. Dr. Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici talab li *in vista* ta’ l-ewwel eccezzjoni jigi awtorizzat jirtira l-kambjali esebiti mac-citazzjoni biex jottjeni l-*giro* favur is-socjeta` attrici, Dr. Anthony Ellul ghall-konvenut oppona t-talba. Il-kawza giet differita ghal trattazzjoni dwar dan l-incident bil-fakolta` tan-noti ghat-28 ta’ Marzu 2001; u tat-28 ta’ Marzu 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-konvenut ipprezenta nota responsiva. Il-partijiet talbu li jinghata provediment dwar it-talba ta’ l-attur kontenut fil-verbal tat-23 ta’ Frar 2001. Il-Qorti halliet il-kawza ghal dan l-iskop ghas-16 ta’ Mejju 2001; tas-16 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Gunju 2001; tal-21 ta’ Gunju 2001; u tat-22 ta’ Ottubru 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Gatt ghall-attur. Il-kawza giet differita ghal provediment dwar it-talba attrici maghmula precedentement ghat-30 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 16 ta’ Marzu 2001 a fol. 27 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri tat-30 ta’ Novembru 2001 fejn inghata provediment; u tal-11 ta’ Frar 2002; u tat-2 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem il-Qorti diversament presjeduta ghat-13 ta’ Novembru 2002.

Rat il-provediment mghoti mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Arbert J. Magri fit-30 ta’

Novembru 2001 fejn il-Qorti: - *"wara li rat l-imsemmija sentenza u r-ragunament tal-Qorti ghall-akkoljiment tat-talba taqbel pjenament ma' din il-konkluzjoni u ghalhekk filwaqt li taghmel taghha l-istess argumenti ta' dik il-Qorti, laqghet it-talba ta' l-attur u awtorizzat l-irtirar ta' l-imsemmija kambjali. Spejjez riservati ghal gudizzju finali".*

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef u l-verbali mizmuma quddiem l-istess Qorti tal-1 ta' April 2003; tas-26 ta' Gunju 2003; tat-30 ta' Ottubru 2003; u tas-17 ta' Frar 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Gatt ghall-kumpanija attrici li gharaf lill-Qorti illi l-appell mis-sentenza preliminari gie deciz fis-16 ta' Dicembru 2003 b'ezitu kontra l-appellanti konvenuti. Peress li l-Qorti kienet sprovista mill-process, il-Qorti giet mgharrfa li l-atti tal-kawza gew rinvjati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Marzu 2004 sabiex tinstema' mill-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cushieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta' Marzu 2004; u tal-21 ta' Mejju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici, u Dr. Anthony Ellul ghas-socjeta` konvenuta. Il-partijiet qablu li ghas-seduta li kien imiss tigi trattata t-tieni eccezzjoni limitatament ghal punt jekk din il-Qorti ghandhiex tidhol fil-mertu ta' l-appalt jew le. Il-partijiet ghandhom il-fakolta` ghan-nota ta' osservazzjonijiet – jibdew il-konvenuti. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni ghat-8 ta' Ottubru 2004; tat-8 ta' Ottubru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Nicholas Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici u Dr. Anthony Ellul ghal konvenuti. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process Citazzjoni Nru: 1891/00/3NC. Dr. Anthony Ellul, rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenut irrimetta ruhu ghal dak deciz fil-kawza ndikata fl-istess eccezzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attirci biex tipprezenata nota ta' l-eccezzjonijiet fit-termini tal-verbal tal-21 ta' Mejju 2004. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Jannar 2005 ghal prezentata tan-nota ta' l-attrici; u tal-11 ta' Jannar 2005

fejn il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Marzu 2005 ghall-provediment limitatament ghat-talba tas-soprasessjoni.

Rat il-provediment moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta’ Frar 2005 a fol. 53 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba li tissoprassjedi sakemm jinqata’ l-Appell fil-kawza fl-istess ismijiet Citazzjoni Nru: 3467/96.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-4 ta’ Marzu 2005 u tat-28 ta’ Gunju 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici u nforma l-Qorti li l-Appell jinsab deciz u l-kawza tista’ titkompla. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Novembru 2005 sabiex il-konvenuti jirregolaw ruhhom fid-dawl tad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell; tas-16 ta’ Novembru 2005; u tas-6 ta’ Dicembru 2005.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici pprezentata *seduta stante* fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2006 (fol. 59), li permezz taghha esebiet verakopja ta’ sentenza fl-istess ismijiet u b’mertu konness bic-citazzjoni Numru 3467/96 GCD deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Civili Superjuri) fis-27 ta’ Mejju 2005;

Rat iz-zewg noti pprezentati mis-socjeta` attrici datati 6 ta’ Jannar 2006, fejn f’dik a fol. 70 tal-process esebew l-affidavit ta’ Emanuel Grech (Dok “EG 1”); u dik a fol. 72 tal-process, fejn giet esebita kopja legali tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2005 fil-kawza fl-ismijiet “Medairco Limited vs ACK Ltd et” (Dok “ML 1”).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-12 ta’ Jannar 2006; tas-6 ta’ Gunju 2006; tal-24 ta’ Ottubru 2006; ta’ l-1 ta’ Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici li ddikjara li m’ghandux aktar provi. Is-socjeta` konvenuta u Anthony Sammut issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti nnotat li l-affidavit tas-socjeta` attrici tas-6 ta’ Gunju 2006 kien ghadu mhux notifikat u ordnat li dan isir

minnufih, altrimenti tordna l-isfilz tieghu. Il-Qorti kkofermat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2006. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-26 ta' April 2007; tas-26 ta' April 2007 u tal-11 ta' Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-konvenut issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali ghas-6 ta' Novembru 2007; u tas-6 ta' Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' kambjali ta' tlett kambjali li skadew fid-dati ndikati fic-citazzjoni attrici tal-import ta' €3657.58 [Lm1,570.20] accettati mis-socjeta' konvenuta u avallati mill-konvenut.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni *da parte* tal-konvenuti jidher li wara li rat il-provediment ta' din il-Qorti datat 30 ta' Novembru 2001 (fejn effettivament gie segwiet dak li sar fil-kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet **"Medairco Ltd. vs Ack Limited u Anthony Sammut"** (Citaz. Numru 3456/96/GCD) permezz tal-provediment datat 5 ta' Frar 1999) fejn giet milqugha t-talba attrici sabiex l-istess kambjali jigu rtirati sabiex jergghu jigu ggirati lura lis-socjeta' attrici, liema provediment gie kkonfermat f'din il-kawza b'dak moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003 (u dak moghti fil-kawza l-ohra fis-sentenza taghha tas-27 ta' Mejju 2005), u peress li jirrizulta mill-istess kambjali li dan effettivament sar, b'dan

li l-Bank rega’ dawwar l-istess kambjali favur is-socjeta’ attrici, mela allura tali eccezzjoni issa jidher li giet illum sorvolata.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti fejn gie ecceppiet li t-talba ghall-hlas hija ntempestiva peress li nghad li l-appalt bejn il-partijiet ghat-tqeghid ta’ sistema ta’ *airconditioners* ma giex esegwiet mis-socjeta’ attrici, jinghad li din fil-fatt kienet mhux biss eccezzjoni fil-kawza fuq indikata bejn il-partijiet, izda wkoll kontro-talba tal-konvenuti fl-istess kawza, liema eccezzjoni u kontro-talba gew michuda permezz ta’ decizjoni datata 6 ta’ Gunju 2002 fl-ismijiet **“Medairco Ltd. vs Ack Limited u Anthony Sammut”** (Citaz. Numru 3456/96/GCD) u li giet ikkonfermata wkoll mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Mejju 2005 (fol. 73). Hawn issir riferenza ghall-istess sentenza li llum taghmel ukoll stat bejn il-partijiet peress li titratta l-istess tieni eccezzjoni medesima, liema eccezzjoni giet misjuba li hija nfondata u b’hekk illum din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni fejn jinghad li tali kambjali huma debitament imhallsa, l-oneru ta’ prova dwar l-istess jispetta lill-konvenuti, u dawn baqghu ma resqu ebda prova ta’ dan l-allegat pagament u dan lanqas wara x-xhieda bl-affidavit ta’ Emmanuel Grech (5 ta’ Gunju 2006) li gie notifikat lill-konvenuti fit-22 ta’ Frar 2007 (*tergo* fol. 90). B’hekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda. L-argument li l-hlas ta’ dawn il-kambjal ma ntalabx fil-kawza l-ohra ta’ bejn il-partijiet li kienet titratta kambjali li mmaturaw mill-31 ta’ Dicembru 1995 il-quddiem ma jwasslux ghall-konkluzjoni milhuqa mill-konvenuti li b’hekk ifisser li jkun sar il-hlas.

Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni jidher li lanqas hemm lok ghal dak hemm eccepiet u dan peress li kull talba ghad-danni kontra s-socjeta’ attrici mressqa bl-indikata kontro-talba fil-kawza fl-ismijiet **“Medairco Ltd. vs Ack Limited u Anthony Sammut”** (Citaz. Numru 3456/96/GCD) giet michuda bis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta’ Gunju 2002 kif ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Mejju 2005 (fol. 73).

Illi dwar il-hames eccezzjoni l-interessi ghandhom jidekorru mid-dati tal-iskadenzi rispettivi ta' l-istess kambjali u b'hekk il-hames eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens hawn deciz, tilqa' t-talba attrici b'dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet elef sitt mija u sebgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3,657.58) [elf hames mija u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,570.20)] rapprezentanti l-kambjali fuq imsemmija.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorja kif ukoll ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------